Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,604, 14 ta' April, 1998
Taqsima B

A.L. 102 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw kif ġej:

(a) ir-regolamenti 3, 4, 8, 9, 10 u 11 għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1995 jew wara;

(b) ir-regolamenti 5 u 7 għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1998 jew wara; u

(ċ) ir-regolament 6 għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'ohra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' tax-Xjenza;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons);

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons); u

"it-taqsima studju" tfisser taqsima studju li tista' tkun magħmula minn tlaqqigħ ta' konferenzi, *seminars*, sessjonijiet tutorjali, xogħol fil-laboratorju, ħidma fuq il-post u studju individwali li għaliha kredtu jew aktar għandu jkun assenjat; taqsima studju ta' kredtu għandha teħtieġ madwar ħamsin siegħa ta' studju, li minnhom erbatax għandhom normalment jinvolvu kuntatt bejn l-istudent u l-lettur."

Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (b) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) jtemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa kull rekwiżit ieħor kif preskritt f'dawn ir-regolamenti;"

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

5. Fit-tmien tas-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 għandu jidħol dan li ġej:

"u minn Ottubru 1998 'il quddiem:
Statistics & Operations Research . Matematika Pura (Avanzata, grad Ċ)"

6. Fit-tmiem tas-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) għall-Korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara:

Qasam Ewlieni ta' Studju fit-Tieni Parti		*Jgħaddi mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola, jew ekwivalenti, fil-:*
Bioloġija		Bioloġija (Avanzata, grad Ċ) u Kimika (Intermedja, grad Ċ)
Kimika		Kimika (Avanzata, grad Ċ) u Fiżika (Intermedja, grad Ċ)
Xjenza tal-Kompjuter	**jew**	*Computing* (Avanzat, grad Ċ) u Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ),
	jew	Matematika Pura (Avanzata, grad Ċ) u *Computing* (Intermedju, grad Ċ)
Informatika	**jew**	Matematika Pura (Avanzata, grad Ċ).
	jew	*Computing* jew *Information Technology* (Avanzat, grad Ċ) u Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ)
Matematika		Matematika Pura (Avanzata, grad Ċ)
Statistics & Operations Research		Matematika Pura (Avanzata, grad Ċ)
Fiżika	**jew**	Fiżika (Avanzata, grad Ċ) u Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ)
	jew	Matematika Pura (Avanzata, grad Ċ) u Fiżika (Intermedja, Grad Ċ)."

7. Wara l-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol il-paragrafu (3) li ġej:

"(3) Meta jirreġistraw il-kandidati huma meħtieġa jindikaw għażla preliminari taż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju li bi ħsiebhom isegwu fit-Tieni Parti tal-Kors."

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafi (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7) u (8) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Struttura tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu normalment jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*, u għandu jkun imqassam f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti. Kull parti għandha tieħu sentejn. Kull sena tal-Kors għandha tikkonsisti f'żewġ semestri ta' studju.

(2) Fl-ewwel sena taqsimiet studju jistgħu jkunu offruti fl-oqsma ewlenin ta' studju li ġejjin: il-Biologija, il-Kimika, ix-Xjenza tal-Kompjuter, l-Informatika, il-Matematika, *Statistics and Operations Research,* u l-Fiżika.

(3) Sa l-aħħar tat-tieni sena, l-istudenti għandhom jikkonfermaw l-għażla taż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju li sejrin isegwu fit-Tieni Parti tal-Kors. Fit-tielet u fir-raba' sena (it-Tieni Parti) l-istudenti għandhom jikkonċentraw fuq l-oqsma ewlenin ta' studju magħżula kif imniżżel f'paragrafu (5) ta' dan ir-regolament.

(4) Il-Bord jista' jillimita l-possibilita' ta' tlaqqigħ taż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju. Ix-Xjenza tal-Kompjuter u l-Informatika ma jistgħux jintgħażlu flimkien.

(5) L-istudenti għandhom jieħdu numru ta' taqsimiet studju ekwivalenti għal minimu ta' 101 kredtu kif ġej:

(a) fl-ewwel sena, tmienja u għoxrin kredtu: erbatax-il kredtu f'xi wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju, għaxar kredti oħra minn grupp ta' taqsimiet studju kif avżat mill-Bord, liema taqsimiet studju għandhom jinkludu żewġ kredti għal xogħol prattiku f'kull wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju, fejn xieraq, kif ukoll erba' kredti oħra, li wieħed minnhom jista' jkun kredtu extra-kurrikulari, li għandhom jintagħżlu mit-taqsimiet studju offruti minn xi fakulta'/istitut ta' l-Universita', sakemm ikollhom l-approvazzjoni tal-Bord;

(b) fit-tieni sena, sitta u għoxrin kredtu: sitt kredti għal taqsimiet studju minn kull wieħed miż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju, għaxar kredti oħra minn grupp ta' taqsimiet studju kif avżat mill-Bord, liema kredti għandhom jinkludu, fejn xieraq, żewġ kredti għal xogħol prattiku f'kull wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju kif determinat mill-Bord, u erba' kredti oħra, li wieħed minnhom jista' jkun kredtu extra-kurrikulari, li għandhom jintgħażlu minn taqsimiet studju offruti minn xi dipartiment fil-Fakulta' tax-Xjenza,
iżda għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1997 jew wara, ix-xogħol prattiku f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju għandu jkun assenjat tliet kredti;

(ċ) fit-tielet sena, ħamsa u għoxrin kredtu: fejn meħtieġ, tliet kredti għandhom jinkisbu għal xogħol prattiku assenjat f'kull wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju, minimu ta' tmien kredti ghal taqsimiet studju f'kull wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju, u l-bqija tal-kredti, li wieħed minnhom jista' jkun kredtu extra-kurrikulari, għandhom jintgħażlu minn fost it-taqsimiet studju ta' xi qasam ewlieni ta' studju fil-Kors; u

(d) fir-raba' sena, tnejn u għoxrin kredtu: li għaxra minnhom għandhom ikunu assenjati għal *elective* f'wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju kif approvat mid-dipartiment rilevanti, sakemm fil-każ tal-Matematika l-*elective* għandu jikkonsisti f'konferenzi/*seminars* fuq suġġetti speċjali li għandu jkun valutat b'eżamijiet bil-miktub, u sitt kredti oħra għal taqsimiet studju f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju.

(6) Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju għal kull sena tal-Kors. Il-katalgu għandu jindika l-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, u liema taqsimiet studju huma rakkomandati bħala pre-rekwiżiti għal taqsimiet studju oħra. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

(7) Il-Bord jista' jeżenta student mir-rekwiżit li jikseb kredtu jew kredti għal taqsima studju jekk hu jkun kiseb mill-Universita', jew minn istituzzjoni magħrufa mis-Senat għal dan il-għan, kwalifika li l-istudju għaliha hu, fil-fehma tal-Bord, mill-anqas ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dawk meħtieġa għat-taqsima studju konċernata.

(8) Student ma jistax itemm il-Kors qabel erba' snin jew wara ħames snin mill-ewwel reġistrazzjoni, ħlief f'ċirkostanzi speċjali bil-permess tas-Senat, li jimxi fuq il-parir tal-Bord."

9. Il-paragrafu (9) tar-regolament 5 għandu jkun imħassar.

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

10. Minflok il-paragrafi (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (13), (14), (15), (16), (17) u (18) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Valutazzjoni u Progress

6. (1) Il-gradi tal-kredti għandhom jingħataw skond il-livell milħuq mill-istudent fix-xogħol tal-kors u fit-testijiet orali u bil-miktub kif meqjus xieraq mid-dipartiment responsabbli, bl-approvazzjoni tal-Bord.

(2) Il-kredti għandhom jingħataw skond il-gradi li ġejjin f'ordni li jibda mill-ogħla sa l-anqas mertu: A, B, C, D u F, fejn F tindika li l-istudent weħel,
iżda għal korsijiet li bdew f'Ottubru 1996 jew wara, il-kredti għandhom jingħataw skond il-gradi li ġejjin f'ordni li jibda mill-ogħla sa l-anqas mertu: A+, A, B+, B, C+, C, D+, D. I tindika li mhux komplet u F tindika li weħel.

(3) Student li jeħel minn test orali jew bil-miktub għal taqsima studju jista' jerġa' jiġi valutat f'dik it-taqsima studju darba biss. Fil-valutazzjoni mill-ġdid, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(4) Fl-ewwel tlett snin tal-Kors, it-taqsimiet studju mitmuma f'semestru għandhom ikunu valutati fit-tmiem ta' dak is-semestru. Fir-raba' sena, it-taqsimiet studju kollha għandhom ikunu valutati fis-sessjoni ta' l-eżamijiet ta' Ġunju. Sessjoni riparatorja tal-valutazzjonijiet għandha ssir biss f'Settembru.

(5) L-istudenti għandhom jiksbu l-kredti kollha assenjati għax-xogħol prattiku matul il-Kors.

(6) Fit-tmiem ta' l-ewwel sena, u biex ikompli għat-tieni sena, student għandu jikseb mhux anqas minn erbgħa u għoxrin kredtu. Biex ikun eliġibbli għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħel fihom, l-istudent irid ikun kiseb minimu ta' għoxrin kredtu fl-ewwel sessjoni. Mhux aktar minn tnejn mill-kredti li weħel fihom jistgħu jkunu mill-erbatax-il kredtu msemmija fis-sottoparagrafu (a) tal-paragrafu (5) tar-regolament 5 u għal taqsimiet studju mill-istess qasam ewlieni ta' studju.

(7) Fit-tmiem tat-tieni sena, u biex ikompli għat-tielet sena, student għandu jikseb mhux anqas minn erbgħa u għoxrin kredtu. Biex ikun eliġibbli għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħel fihom, l-istudent irid ikun kiseb minimu ta' tnejn u għoxrin kredtu fl-ewwel sessjoni.

(8) Student li ma jissodisfax ir-rekwiżiti biex ikompli għas-sena ta' wara tal-Kors għandu jitħalla jirrepeti l-programm ta' studju għas-sena, sakemm ma jkunx diġa' irrepeta sena matul il-Kors, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali bl-approvazzjoni tas-Senat.

(9) Student li jitħalla jirrepeti sena jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, ikun eżentat milli jerġa' jkun valutat fit-taqsimiet studju li għalihom hu kien ġab kredtu matul is-sena li weħel fiha.

(10) Student li jitħalla jirrepeti sena għandu, jekk jgħaddi mit-testijiet rispettivi, jingħata biss il-grad minimu D għal kull taqsima studju li ma temmx b'suċċess fis-sena li weħel.

(11) Student għandu jitħalla jkompli għat-Tieni Parti sakemm ikun ġab minimu ta' tmienja u erbgħin mill-erbgħa u ħamsin kredtu stipulati fis-sottoparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu (5) tar-regolament 5, li għandhom jinkludu dawk il-kredti kollha li huma meqjusa obbligatorji mill-Bord.

(12) Fit-tmiem tat-tielet sena, u biex ikompli għar-raba' sena, student għandu jikseb:

(a) il-kredti assenjati għax-xogħol prattiku fl-oqsma ewlenin ta' studju, kif xieraq; u

(b) ukoll il-minimu ta' sittax-il kredtu assenjati għal taqsimiet studju fl-oqsma ewlenin ta' studju (li ma jinkludux il-prattiċi) jew dsatax-il kredtu fil-każ fejn il-Matematika hija waħda mill-oqsma ta' studju.

(13) Student li jonqos li jissodisfa lill-eżaminaturi fix-xogħol prattiku fit-tielet sena msemmi fis-sottoparagrafu (a) tal-paragrafu (12) ta' dan ir-regolament jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, jitħalla jerġa' jissottometti x-xogħol jew itemm xi xogħol jew xogħlijiet oħra sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk jgħaddi, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D. Jekk jeħel, l-istudent ma jġibx il-Grad irrispettivament mill-livell milħuq minnu fil-karti bil-miktub, sakemm m'għadx għandu l-possibilta' li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel dan.

(14) Biex ikun jista' jiġi valutat mill-ġdid fit-taqsimiet studju li jeħel fihom, l-istudent għandu jikseb minimu ta' erbatax-il kredtu fl-oqsma ewlenin ta' studju jew sbatax-il kredtu fil-każ tal-Matematika. Jekk wara r-riparatorji l-istudent xorta jonqos milli jissodisfa d-dispożizzjonijiet tas-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (12) ta' dan ir-regolament, mela hu ma jġibx il-Grad, sakemm m'għadx għandu l-possibilta' li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel dan.

(15) Fir-raba' sena student għandu:

(a) jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-*elective*; u

(b) jgħaddi mill-karti ta' l-eżami bil-miktub li għandhom jittestjaw il-materjal tat-taqsimiet studju tar-raba' sena fl-oqsma ewlenin ta' studju.

(16) Ir-rekwiżiti msemmija fis-sottoparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu (15) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu meqjusa li jikkostitwixxu l-Eżamijiet Finali kollha għall-Kors.

(17) Student li jonqos li jissodisfa lill-eżaminaturi fl-*elective* jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, jitħalla jerġa' jissottomettih f'Settembru. Jekk jgħaddi, l-istudent għandu jingħata l-grad minimu ta' kwalifika għall-*elective* jiġifieri, 45%. Jekk jeħel, l-istudent m'għandux jitħalla jirrepeti s-sena u għandu jingħata l-grad Għadda fil-Bachelor of Science - B.Sc. - jekk ikun għadda mill-Eżamijiet Finali.

(18) Għall-għanijiet tal-parti bil-miktub ta' l-Eżamijiet Finali, student li jeħel f'taqsimiet studju f'kull wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju li għalihom huma assenjati mhux aktar minn żewġ kredti, jista' jiġi eżaminat mill-ġdid f'Settembru. Jekk wara r-riparatorji l-istudent xorta jonqos milli jissodisfa lill-ezaminaturi f'aktar minn kredtu f'kull wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju, hu għandu jeħel fl-Ezamijiet Finali u m'għandux jikkwalifika għall-grad bl-Unuri. F'dan il-każ, l-istudent għandu jingħata grad Għadda fil-Bachelor of Science - B.Sc. - sakemm m'għadx għandu l-possibilita' li jirrepeti s-sena u jagħzel li jagħmel dan."

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

11. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Riżultati u Għoti tal-Grad

7. (1) Il-Grad għandu jingħata lill-istudenti li jkunu:

(a) kisbu mhux anqas minn disgħajn kredtu matul il-Kors;

(b) temmew b'suċċess it-taqsimiet studju kollha indikati bħala obbligatorji mill-Bord; u

(ċ) issodisfaw ir-rekwiżiti tal-parti bil-miktub ta' l-Eżamijiet Finali kif stipulat fil-paragrafu (18) tar-regolament 6.

(2) Għall-għanijiet tal-klassifikazzjoni finali għall-grad bl-Unuri, għandhom jitqiesu l-aħjar 101 kredtu miksuba kif preskritt fil-paragrafu (5) tar-regolament 5.

(3) L-ismijiet tal-istudenti kollha li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku f'waħda mill-klassifikazzjonijiet li ġejjin, li tibda mill-ogħla mertu:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri

It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)

It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)

It-Tielet Klassi bl-Unuri.

(4) L-ismijiet ta' l-istudenti li jingħataw il-grad li Għaddew fil-Bachelor of Science - B.Sc. - għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku."